MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1218/2008

***London Services Limited***

**vs**

**Avv. Andrew Borg Cardona fil-vesti tieghu**

**ta' stalcjarju tas-socjeta`**

**John Dacoutros *& Sons Limited* (C – 26992)**

**u John G. Dacoutros (I.D. 422641 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' kuntratt datat it-3 ta' Jannar, 2008, is-socjeta` rikorrenti kriet diversi vetturi lis-socjeta` intimata, (ara foll 4 *et sequitur*);

1.2 Illi fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti l-intimat John G. Dacoutros irrilaxxa l-garanzija personali tieghu biex jaghmel tajjeb ghall-istess, (ara foll 12);

1.3 Illi s-socjeta` intimata kienet tardiva fil-pagamenti minnha dovuti u anke ghamlet xi pagamenti permezz ta' cekkijiet li ma gewx onorati;

1.4 Illi s-socjeta` intimata unilateralment irritornat il-vetturi mikrija lis-socjeta` rikorrenti u informatha li ma riditx tkompli tonora il-kuntratt *de* quo;

1.5 Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` intimata vvjolat il-kuntratt fuq indikat;

1.6 Illi s-socjeta` intimata hi debitrici fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti ghall-:

1.6.1. Kirjiet mhux imhallsa;

1.6.2. Multi naxxenti minn kontravenzjonijiet;

1.6.3. Penali kif kontemplati fil-kuntratt fuq riferit, (ara foll 20);

1.7 Illi l-ammont komplessiv presentement dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti jammonta ghal mija u sitt elef, sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sbghatax -il centezmu, (€106,622.17), (ara foll 20);

1.8 Illi skont il-kuntratt *de* quo l-intimat John G. Dacoutros hu garanti *in solidum* ghall-obbligi assunti mis-socjeta` intimata, (ara foll 12);

1.9 Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.10 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghat-talbiet taghha u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex, bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1.10.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta' mija u sitt elef, sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sbghatax -il centezmu, (€106,622.17);

1.10.2. Tikkundanna lill-intimati solidalment, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont lilha dovut indikat fil-paragrafu precedenti;

1.10.3. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovut bil-modalita` indikata fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat il-verbal datat il-15 ta' Jannar, 2009, li permezz tieghu l-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona ta ruhhu b'notifikat ghan-nom tal-ko-stralcjarju Emanuel Farrugia, (ara foll 29);

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat iz-17 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-intimati fir-rigward, awtorizzat lill-istess biex jipprezentaw ir-risposti taghhom fit-terminu hemm indikat, (ara foll 46);

4.0. Rat ir-risposta datata l-24 ta’ Marzu, 2009, li permezz taghha l-intimat John G. Dacoutros sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 47):

4.1. Illi l-garanzija personali minnhu moghtija mhix valida u m’ghandha l-ebda effett legali *stante* li:

4.1.1. Ma nghatax flimkien ma’ martu Yolanda Dacoutros *a tenur* tal-artiklu 1322 (2) (3) (h) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4.1.2. Il-kunsens tieghu inkiseb b’qerq u frodi *stante* li qatt ma kien issemma fid-diskussjonijiet li s-socjeta` rikorrenti riedet garanzija personali u ma kienx hemm klawsola f’dan is-sens fil-kampju tal-ftehim li nghata;

4.1.3. L-obbligazzjoni *in solidum* indikata fl-istess kuntratt, (ara foll 12), ma torbotx lill-intimat *de quo stante* li m’hemmx il-firma tieghu hdejha jew tahta u ma tifformax parti mill-klawsoli 1 sa 15 li ffirma ghalihom bhala direttur tas-socjeta` John Dacoutros & Sons Limited;

5.0. Illi l-ammont komplessiv pretiz mis-socjeta` rikorrenti hu wiehed eccessiv tenut kont li s-socjeta` intimata rritornat il-vetturi *de quo* ftit xhur wara d-data tal-kuntratt;

5.1. Illi rritornat l-imsemmija vetturi ghaliex sabet ruhha f’diffikultajiet finanzjarji u bil-kunsens tas-socjeta` rikorrenti;

5.2. Illi l-iskop tas-socjeta` intimata kien li jigu minimizzati d-danni;

5.3. Illi ghalhekk hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artiklu 1122 tal-Kap 16 fuq gia` riferit;

5.4. Illi s-socjeta` rikorrenti m’adempitx *in toto* l-obbligazzjonijiet taghha taht il-kuntratt tat-3 ta’ Jannar, 2008, fuq indikat *stante* li wahda biss mill-vetturi konsenjati kienet gdida;

6.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat stralcjarju datata l-1 t’April, 2009, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti; (ara foll 50);

6.1. Illi flimkien mal-istralcjarju l-iehor, (ara paragrafu numru tnejn, (2), aktar qabel) hu kien appuntat ukoll bhala stralcjarju mill-kredituri;

6.2. Illi bhala stralcjarji ghandhom l-obbligu jissalvagwardjaw il-patrimonju tas-socjeta` *de quo* ghan-nom tal-kredituri;

6.3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti hu eccessiv, tenut kont tal-fatt li s-socjeta` intimata rritornat il-vetturi ftit

xhur wara il-kuntratt li b'kollox kien ta' tnejn u sebghin, (72), xhar, u dan, bil-kunsens tal-istess socjeta` rikorrenti;

6.4. Illi s-socjeta` intimata agixxiet b'dan il-mod ghaliex riedet timminimizza d-danni;

6.5. Illi ghalhekk hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artiklu 1122 tal-Kap 16 fuq citat, biex titnaqqas il-penali;

6.6. Illi s-socjeta` rikorrenti m'adempietx l-obbligazzjonijiet taghha *in toto* taht il-kuntratt in dizamina *stante* li vettura wahda biss minn dawk li kellha tikkonsenja lis-socjeta` intimata kienet gdida;

6.7. Illi ghandu jigi stabbilit jekk il-kunsens tal-intimat John G. Dacoutros *proprio* giex ottenut b'qerq u jekk dan jaffettwax il-validita` tal-kuntratt shih;

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 t'April, 2009, li permezz taghha hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma` l-provi kollha, (ara foll 53);

8. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat is-6 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata iddekretat li l-inkartament f'idejn l-assistent gudizzjarju jigi pprezentat fl-atti ta' din il-kawza, (ara foll 61);

9. Rat in-nota datata t-2 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha r-registratur involut annetta l-inkartament li qabel kien

f'idejn l-assistent gudizzjarju fuq riferit fl-atti ta' din il-kawza, (ara foll 63);

10. Rat id-digriet taghha datat l-10 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu hatret Imhallef Supplenti biex tisma` x-xhieda in kontro-ezami ta' l-intimat John G. Dacoutros, (ara foll 133);

11. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat il-11 ta' Dicembru, 2013, li permezz teighu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 134);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-15 t'April, 2014, (ara foll 143);

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat John G. Dacoutros datata s-6 ta' Mejju, 2014, (ara foll 152);

14. Tirrileva li s-socjeta` intimata ma' intavolat l-ebda nota fir-rigward;

15. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 162);

16. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif preseduta;

17. Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju, mill-imhallef supplenti, u kif ipprezentata permezz ta' dikjarazzjonijiet guramentati;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi l-kawza odjerna hi naxxenti minhabba is-segwenti:

18.1. Illi b'kuntratt datat it-3 ta' Jannar, 2008, is-socjeta` intimata kriet diversi vetturi minghand is-socjeta` rikorrenti, (ara foll 4);

18.2. Illi fl-imsemmi kuntratt jidher li l-intimat John G. Dacoutros irrilaxxa garanzija personali *in solidum* fl-obbligi tas-socjeta` intimata favur dik rikorrenti, (ara foll 12);

18.3. Illi fi ftit zmien wara l-konkluzjoni tal-imsemmi kuntratt, is-socjeta` intimata spiccat f'sitwazzjoni finanzjarja hazina, u kellha tirrexxindi l-istess kuntratt;

18.4. Illi konsegwenza tal-istess, irritornat il-vetturi minnha mixtrija lis-socjeta` rikorrenti;

18.5. Illi s-socjeta` rikorrenti ghalhekk hassitha kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna in tutela tad-drittijiet taghha;

Ikkunsidrat:

19. Illi l-procedura in dizamina hi indirizzata kemm fil-konfront tas-socjeta` intimata kif ukoll kontra l-intimat personalment;

20. Illi dan sar *stante* li fil-kuntratt in dizamina hemm indikat li John G. Dacoutros dahal personalment garanti *in solidum* ghall-obbligi tas-socjeta` intimata;

21.0. Illi f'dan ir-rigward l-istess intimat John G. Dacoutros jipprezenta l-ilmenti segwenti:

21.1. Illi din il-garanzija mhix valida *stante* li m'inghatatx ma martu Yolanda;

21.2. Illi l-kunsens ta' John G. Dacoutros ghall-garanzija personali *in solidum* fuq gia` riferita kien effettivament karpit b'qerq u/jew frodi, bil-konsegwenza li jirrendi l-istess kuntratt null;

21.3. Illi l-intimat *proprio* m'attestax il-firma espressa tieghu ghall-garanzija personali in dizamina;

Ikkunsidrat:

22. Illi ghandu jkun pacifiku li dawn l-eccezzjonijiet preliminari jimmeritaw li jigu indirizzati *ad limine*;

23.0. **L-Assenza ta' mart l-Intimat:**

23.1. Illi din il-lanjanza hi naxxenti mill-artiklu 1322 tal-Kap 16 fuq citat;

23.2. Illi in sintesi l-imsemmi artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

23.2.1. Illi l-jedd li jwettqu atti ta' amministrazzjoni straordinarja u li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar atti jkunu li jkunu, spetta liz-zewg mizzewgin flimkien, (ara artiklu 1322 (2) tal-Kap fuq indikat);

23.2.2. Illi fost l-atti t'amministrazzjoni straordinarja elenkati hemm indikat espressament il-kuntratt ghal xi garanzija, (ara artiklu 1323 (3) (h) tal-istess Kap fuq indikat);

23.3. Illi jirrizulta assodat li mart l-intimat John G. Dacoutros ma tiffigura imkien fil-procedura odjerna u dan:

23.3.1. La fil-kuntratt tat-3 ta' Jannar, 2008, u

23.3.2. Lanqas fl-atti tal-procedura odjerna;

23.4. Illi jirrizulta wkoll assodat is-segwenti:

23.4.1. Illi l-intimat John G. Dacoutros izzewweg lil Yolanda nee` Ellul fit-30 t'April, 1967, (ara foll 131);

23.4.2. Illi konsegwenza tal-istess bdiet ukoll topera immedjatament bejniethom *ope legis* il-komunjoni tal-akkwisti, (ara foll 119);

23.4.3. Illi fil-kuntratt tat-3 ta' Jannar, 2008, mas-socjeta` rikorrenti, il-firma ta' Yolanda Dacoutros ma' ntalbitx, (ara foll 119);

23.4.4. Illi effettivament l-imsemmija Yolanda ma ffirmatx l-imsemmi kuntratt;

23.5. Illi in virtu` tal-premess is-socjeta` rikorrenti tirrileva li *ai termini* tal-artiklu 1324 ta' l-istess Kap fuq riferit nonostante dak indikat aktar qabel, persuna mizzewga li tezercita l-kummerc tista` waheda taghmel atti ta' amministrazzjoni straordinarja;

23.6. Illi in effetti l-istess mart l-intimat *proprio* jirrizulta li ma hadet l-ebda azzjoni *ai termini* tal-artiklu 1326 tal-istess Kap biex tannulla l-att t'amministrazzjoni straordinarja allegat;

23.7. Illi f'dan ir-rigward tenut kont tar-rizultanzi in atti, ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

23.7.1. Illi effettivament John G. Dacoutros ma jezercitax il-kummerc personalment;

23.7.2. Illi jirrizulta li hu biss azzjonist ma' ohrajn fis-socjeta` intimata;

23.7.3. Illi *di piu`*, l-imsemmija Yolanda la giet interpellata thallas xi ammonti u lanqas li taccetta l-garanzija personali *de quo*;

23.8. Illi ghandu jinghad ukoll kif gia` irriteniet il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Angele Calleja vs Claude Calleja et, datata t-2 t'Ottubru, 2002**, li l-artiklu 1324 tal-Kap 16 in dizamina hu eccezzjoni ghar-regola generali enuncjata fl-artiklu 1322 fuq riferit;

23.9. Illi kif irriteniet l-istess qorti fil-kawza citata fil-paragrafu precedenti, dan l-artiklu mhux intiz biex jaghti *mano libera* li parti li tkun qed tiggestixxi l-kummerc biex t'addebita l-komunjoni ta' l-akkwisti bi djun li altrimenti jkunu suggetti ghall-azzjoni t'annullament;

23.10. Illi l-veru skop tal-istess artiklu hu li jiffacilita l-atti ta' kull jum tal-kummercjant li ma jistax jippretendi li f'kull att ta' kummerc tkun tinhtieg il-presenza tal-konsorti;

23.11. Illi ghalhekk fuq l-iskorta tal-istess sentenza fuq citata u abbilment riferit mill-abbli rapprezentanti legali tal-intimat *proprio*, din l-eccezzjoni ghar-regola trid tinftiehem b'mod restrittiv billi:

23.11.1. L-att ghandu jkun marbut man-negozju in dizamina ezercitat minn dak li jkun;

23.11.2. Din l-eccezzjoni hi intiza biex taghti l-fakulta` lill-kummercjant li jagixxi *de proprio* minghajr il-htiega tal-konsorti;

24.0. **Il-Kunsens ghall-Garanzija Personali**

24.1. Illi tul in-negozjati mas-socjeta` rikorrenti li finalment wasslu ghall-konkretizzazzjoni tal-kuntratt tat-3 ta' Jannar, 2008, is-socjeta` rikorrenti tat kampjun tal-kuntratt lis-socjeta` intimata, (ara foll 120 *et sequitur*), li hu kampjun simili u identiku ghal dak moghti lilhu, (ara foll 156);

24.2. Illi tul dawn in-negozjati mas-socjeta` rikorrenti hadd min-naha ta' din is-socjeta` ma kien gibed l-attenzjoni ghall-fatt li kien ukoll jinhtieg li tinghata garanzija personali *in solidum*;

24.3. Illi in effetti din il-klawsola, ghalkemm tidher fil-kuntratt *de quo*, (ara foll 12), mhix imnizzla fil-kampjun, (ara foll 127 u 128);

24.4. Illi jaghmel tajjeb l-abbli rapprezentanti legali tal-intimat *proprio* li jissottolinea li l-kuntratt in dizamina hu wiehed komunement maghruf bhala "*di adesione"* senjatament kuntratt li gia` jkun ezawrjentement diskuss minn qabel u kull ma jsir fil-laqgha finali hu li jigu inseriti d-dettalji tal-partijiet u l-adezjoni tal-istess permezz tal-firem;

24.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li t-tibdil essenzjali riskontrat fl-ahhar mumenti qabel il-konkluzjoni tal-kuntratt

*de quo* li kien ilu jigi diskuss qabel il-firma, mhix indikazzjoni ta' *buona fede* fl-operat riskontrat, liema *buona fede* hi essenzjali fl-esekuzzjoni ta' kuntratti;

24.6. Illi kif irriteniet il-**Qorti tal-Appell fil-kawza Evaristo Psaila vs George Spiteri datata s-27 ta' Jannar, 1958, Volum XLII – II – 677**:

" ... il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti *'in buona fede'*;

24.7. Illi f'dan is-sens l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli tispjega:

"che e` particolarmente de novero di quei contratti dai giureconsulti romani chiamati *'buonae fidei'*, per indicare che sono retti piuttosto dalle regole dell'equita` che dai rigorosi principi del diritto" (Duranton, Diritto Civile, Vol. IX, (para. 398);

24.8. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li inkluzjoni ta' klawsola hekk importanti fl-ahhar mumenti qabel il-konkluzjoni ta' kuntratt pjuttost pezanti ma timmilitax favur it-tezi li s-socjeta` rikorrenti agixxiet bil-*buona fede* rikjesta mic-cirkostanzi;

Ikkunsidrat:

25.0. **In-nuqqas ta' firma tal-intimat *proprio* ghall-garanzija personali *in solidum*;**

25.1. Illi in effetti ezami okulari tal-pagna in dizamina, (ara foll 12), jirrivela s-segwenti:

25.1.1. Illi fit-tmiem tal-klawsoli tal-kuntratt hemm il-firma tal-intimat John G. Dacoutros;

25.1.2. Illi wara b'mod izolat u indipendenti hemm il-klawsola rigwardanti l-garanzija personali *in solidum* akkollata fuq l-intimat *proprio*;

25.1.3. Illi fl-ahhar nett, ukoll b'mod izolat hemm il-firma ta' Jason Aquilina ghas-socjeta` rikorrenti;

25.1.4. Illi l-intimat *proprio* ghalhekk isostni li effettivament hu ffirma biss ghal hmistax (15) -il klawsola tal-kuntratt, u mhux ghall-klawsola li lanqas biss hi enumerata rigwardanti l-garanzija solidali in dizamina;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi fil-mertu ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

26.1. Illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob l-ammont komplessiv ta' mija u sitt elef, sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sbghatax – il centezmu, (€106,622.17), ghal:

26.1.1. Kirjiet mhux imhallsa;

26.1.2. Multi fuq kontravenzjonijiet; u

26.1.3. Penalitajiet *ex contractu*;

26.2. Illi t-talba *de quo* hi bbazata fuq il-klawsola numru 12.3. (ara foll 11);

26.3. Illi l-intimati jsostnu fir-rigward li l-vetturi in dizamina qeghdin jinzammu mis-socjeta` rikorrenti u minnha qed jigu utilizzati bi profitt;

26.4. Illi ghalhekk l-istess intimati jsostnu li s-socjeta` rikorrenti "ma soffriet l-ebda pregudizzju", (ara foll 158);

26.5. Illi ghandu jinghad li din il-posizzjoni tal-intimati tippekka fil-logika *stante* li l-ammont komplessiv rikjest mis-socjeta` rikorrenti jirreferi ghall-perjodu meta l-vetturi mikrija kienu fil-pussess tal-intimati u mhux *vice versa*;

26.6. Illi ghalhekk l-analisi rikjest ghandu jkun *ex ante* u mhux *ex post* kif donnu qed jittentaw li jaghmlu l-intimati;

26.7. Illi *di piu`*, l-ammont komplessiv rikjest mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta debitament assodat *ai termini* tar-rendikont minnha pprezentat *in atti*, (ara foll 20);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi rigward l-applikazzjoni tal-artiklu 1122 tal-Kap 16 fuq gia` citat bil-ghan li jigu minimizzati d-danni jigi sintetikament rilevat is-segwenti:

27.1. Illi t-terminu tal-kuntratt *de quo* kien ghal tnejn u sebghin (72) xahar, (ara foll 14 u 118);

27.2. Illi bint l-intimat *proprio* kienet kitbet lis-socjeta` rikorrenti bl-iskop li l-kuntratt *de quo* jigi rexiss, (ara foll 114);

27.3. Illi inizjalment is-socjeta` rikorrenti ma tatx karozzi godda lill-intimati kif pattwit ghaliex dawn ma kienux *in stock* u kellhom jigu impurtati, (ara foll 114);

Ikkunsidrat:

28.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta:

28.1. Illi l-intimat John G. Dacoutros *proprio* issodisfa l-eccezzjonijiet preliminari minnhu sollevati;

28.2. Illi l-istess eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevata mis-socjeta` intimata hi per konsegwenza sodisfatta wkoll;

28.3. Illi fil-mertu, tirrespingi r-risposti sollevati mill-intimati fuq riferiti u takkolji t-talbiet fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE:**

29.0. Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq sollevati din il-qorti:

29.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti *John Dacoutros & Sons Limited* hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti *London Services Limited* fis-somma komplessiva ta' mija u sitt elef, sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sbghatax -il centezmu, (€106,622.17);

29.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata fuq imsemmija biex thallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

29.3. Tillibera lill-intimat John G. Dacoutros *proprio* mill-osservanza tal-gudizzju;

29.4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovut skont il-ligi, kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess imsemmija socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------